

Ħatra tal-Avukat Ġenerali Ewlieni

(2021/C 513/06)

Fil-laqgħa tat-8 ta' Ottubru 2021, l-Avukati Ġenerali eleġġew, skont l-Artikolu 14(1) tar-Regoli tal-Proċedura, lil M. Szpunar bħala Avukat Ġenerali Ewlieni, għall-perijodu mit-8 ta' Ottubru 2021 sas-6 ta' Ottubru 2024.

Elezzjoni tal-presidenti tal-awli komposti minn tliet Imħallfin

(2021/C 513/07)

Fil-laqgħa tal-11 ta' Ottubru 2021, l-Imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja eleġġew, skont l-Artikolu 12(2) tar-Regoli tal-Proċedura, lil I. Ziemele, bħala President tas-Sitt Awla, lil J. Passer, bħala President tas-Seba' Awla, lil N. Jääskinen, bħala President tat-Tmien Awla, lil S. Rodin, bħala President tad-Disa' Awla, u lil I. Jarukaitis, bħala President tal-Għaxar Awla, għall-perijodu mill-11 ta' Ottubru 2021 sas-6 ta' Ottubru 2022.

Għażla tal-Awla inkarigata mill-kawżi previsti fl-Artikolu 107 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja

(2021/C 513/08)

Waqgħ il-laqgħa ġenerali tagħha tal-11 ta' Ottubru 2021, il-Qorti tal-Ġustizzja, b'applikazzjoni tal-Artikolu 11(2) tar-Regoli tal-Proċedura, għażlet l-Ewwel Awla u t-Tieni Awla sabiex ikunu l-Awli inkarigati mill-kawżi previsti fl-Artikolu 107 tal-imsemmija regoli, għall-perijodu mill-11 ta' Ottubru 2021 sas-6 ta' Ottubru 2022.

Assenjazzjoni tal-Imħallfin lill-Awli

(2021/C 513/09)

Waqgħ il-laqgħa ġenerali tal-11 ta' Ottubru 2021, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tassenja l-Imħallfin lill-Awli b'ħames Imħallfin kif ġej:

L-Ewwel Awla

A. Arabadjiev, President tal-Awla,

T. von Danwitz, P. G. Xuereb, A. Kumin u I. Ziemele, Imħallfin

It-Tieni Awla

A. Prechal, Presidenta tal-Awla,

F. Biltgen, N. Wahl, J. Passer u M. I. Arastey Sahún, Imħallfin

It-Tielet Awla

K. Jürimäe, Presidenta tal-Awla,

M. Safjan, N. J. Piçarra, N. Jääskinen u M. Gavalec, Imħallfin

Ir-Raba' Awla

C. Lycourgos, President tal-Awla,

J-C. Bonichot, S. Rodin, L. S. Rossi u O. Spineanu-Matei, Imħallfin